# L-Erbgħatax-il laqgħa tas-Sotto Kumitat ta' l-Organizzazzjoni t' Attivitajiet fin-Nadur

## Nhar Il-Hamis 10 ta' April 2014 fis-7:30 p.m

**Preżenti:**

Charles Said, Sindku
Eucharist Camilleri, Viċi Sindku
Dr. Josianne Cutajar, Kunsillier
Dr. Rita Mifsud, Kunsillier
Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv
Ines Buttigieg
Andrew Muscat
Charlie Xuereb
Antonia Portelli
Grace Portelli
Peter Buttigieg
Anton Said
Peter Muscat
Joe Said
Sammy Buttigieg

---

1. Il-laqgħa bdiet b'talba.

2. **Approvazzjoni ta' Minuti.** Il-minuti tat-tlettax- il laqgħa ġew approvati u iffirmati.

3. **Karnival 2014.** Sar sforz kbir biex irnexxa l-Karnival 2014 fin-Nadur. Iżda bil-għajnuna tal-parteċipanti u helpers, dan l-isforz issarraf f' suċċess kbir. Din is-sena il-Karnival spontanju kien imxandar live fuq it-televizjoni darbtejn, fuq Net TV u Smash TV. Ix-xandira stupenda w ta' livell gholi, fuq NET TV saret bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku irringrazzja lill voluntiera kollha u lill-parteċipanti tal-impenn tagħhom ghas-suċċess tal-Karnival .

   Peter Buttigieg gibed l-attenzjoni li fil-passat il-parteċipanti kienu jkunu nnumerati fuq il-lista b'ordni. Hu ssuġġerixxa li jerġa' jibda jsir hekk biex tkun aktar faċli għall-organizzaturi waqt li tkun għaddejja l-attivita.

   Ingibdet l-attenzjoni dwar il-kostumi tal-Banda Mnarja, li ilhom jintuzaw għal ħafna snin bla ma nbidel xejn fihom. Is-Sindku qal li fl-aħħar

Charles Said, Sindku

Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv

laqgħa tas-sotto kumitat il-president tal-Banda kien qal li ser isir sforz sabiex isiru xi kostumi ġodda. Jidher li dawn ma sarux. Eucharist Camilleri qal li l-kostumi għandhom ikunu ta' livell u li jagħmlu unur lir-raħal u lill istess Banda . Hu ssuġġerixxa li s-sena d-dieħla minflok ħlas il-Kunsill jibda jixtri kostumi ġodda lill-Banda.

Saru xi kummenti fir-rigward li l-prezentaturi ta' din is-sena setgħu kienu ppreparati ftit ahjar. Is-Sindku informa lil-membri li din kienet l-ewwel sena li dawn il-persuna għamlu dan it-tip ta' xogħol u li kienu apprezzati mill-publiku preżenti. Gie ssuġġerit li r-write up ta' ma l-items ikunu iqsar fit-tul .

Il-Kunsill pprovda żewġ palkijiet din is-sena, sabiex fuqhom ikunu jistgħu idoqqu l-bands pero dawn ftit ġew użati.

Dwar il-Karnival Spontanju kien hemm suġġeriment li għandu jkun hemm persuna jew persuni imexxu l- karrijiet sabiex ma jkunx hemm imblokkar fit-Triq Diċembru Tlettax.

Is-Sindku nforma lil membri li l-Kunsill diġa beda l-preparazzjonijiet għall-Karnival 2015. Dr. Rita Mifsud qalet li l-Kunsill m'għandux ikun responsabbli waħdu għall-Karnival Spontanju. Il-jiem tal-Karnival Spontanju isostnu lil Għawdex kollu iżda l-ispejjes ta' tindif, sigurta, dwal, wardens, mobile toilets eċċ qed iħallashom il-Kunsill waħdu.

**4.** **Attivitajiet tal-Gimgħa l-Kbira.** Ser isiru diversi attivitajiet fin-Nadur din is-sena fl-okkazzjoni tal-Gimgħa l-Kbira. Fosthom il-Cena tas-Sinjur fil-MUSEUM tas-Subien, Ċenaklu Ħaj f' Dar Franisk Grima organizzata mill-Għaqda Ħbieb tal-Presepju u diversi wirjiet fosthom wahda ta' diversi Kurcifissi fis-Sala Joe Tabone fl-uffiċċju tal-Kunsill. Dawn ser isiru bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku nforma lil-membri li dawn l-attivitajiet kollha ser jiġu ffilmjati w rekordjati sabiex jidhru fuq stazzjon tat-TV Lokali. Għall-ewwel darba wkoll il-Kunsill ħa ħsieb li joħrog poster u issir billboard fil-Pjazza bl-attivitajiet kollha f' daqqa tal-

Charles Said, Sindku

Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv

Gimgha Mqaddsa fin-Nadur. Apparti dawn il-Kunsill ħa ħsieb jarma il-Pjazza b' erbatax-il salib differenti mis-snin l-imgħoddija, mixgħela ta' Triq Diċembru Tlettax u figolli sabiex jitqassmu lit-tfal, Hadd il-Ghid filgħodu.

5. **Attivitajiet f'Mejju 2014.** Il-Ħadd 4 ta' Mejju 2014 fi Pjazza San Pietru u San Pawl se jsir Pre-Mothers Day Open Market. L-Għaqdiet kollha tar-Rahal ser jingħataw ċans jarmaw stand bla ebda ħlas f' dan is-suq fil-beraħ.

Is-Sibt 10 ta' Mejju fit-8:30 ta' filgħaxija, il-Kunsill flimkien mal-Kor Gaulitanus u il-Parroċċa ser jorganizza Kunċert kbir fl-okkazzjoni tal-Kanonizzazzjoni ta' Papa Gwanni Pawlu II u Papa Gwanni XXIII. Dan ser isir fil-Bażilika San Pietru u San Pawl.

6. **Imnarja 2014.** Il-programm tal-festa ta' l-Imnarja 2014 huwa kif ġej:

**L-Erbgħa 18 ta' Gunju 2014** - Hruġ ta' l-Istatwa minn Niċċa u Ftuh ta' Wirja fis-Sala Joe Tabone fil-Kunsill.

**Il-Ħamis 19 ta' Gunju 2014** – Jum it-Tfal (attivita bħas-sentejn li għaddew u ser jizdied magħha "Talent Show" għat-tfal sa Form 2 (13-il sena) minn Nadur. Dawk interessati ghandhom jinkitbu il-Kunsill.

**Il-Gimgha 20 ta' Gunju 2014** – Attivita għaż-Żgħażagħ

**Is-Sibt u Ħadd 21 u 22 ta' Gunju 2014** – Wirja Agrarja

**It-Tnejn 23 ta' Gunju** – Għad trid tiġi diskussa.

**It-Tlieta 24 ta' Gunju** – Kunċert mis-Soċjeta Filarmonika Mnarja

**L-Erbgħa 25 ta' Gunju** -Ikla Tradizzjonali ta' l-Imnarja

Charles Said, Sindku

Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv

**Is-Sibt 28 ta' Gunju -** Tiġrija tal-Bhejjem

**It-Tnejn 30 ta' Gunju -** Xalata.

7. Affarijiet Oħra. Gie ssuġġerit li l-Kunsill jorganizza attivita jew jinkludi f'attivita li diġa qed tiġi organizzata, "fund raising" għal Puttinu Cares.

   Is-Sindku fakkar lill-għaqdiet (li kien hawn diversi rappreżentanti tagħhom f'din il-laqgħa), li kull attivita soċjali li ssir fl-apert għandha bżonn permess mill-Kunsill. Hija proċedura tal-Kunsill li għaqda waħda biss tingħata permess sabiex torganizza attivita fl-apert, fl-istess ħin u jum. Dan sabiex ma jinħolqux konflitti u piki żejda, u sabiex kull attivita tkun tista tirnexxi .

Il-laqgħa spiċċat fit-8:45 p.m.

Charles Said, Sindku

Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv